# Dati Importanti fl-Istorja tar-Raħal tas-Siġġiewi



*Mario Fenech*

L-istorja ta' kull belt u raħal hija rrakkuntata permezz ta' dati importanti li meta jissemmew ikun qiegħed jiġi mfakkar xi avveniment li sawwar il-wirt kulturali u reliġjuż tal-poplu.

Ir-raħal tas-Siġġiewi huwa raħal antik ħafna bi storja mqanqla ta' ħakmiet differenti li ħallew it-timbru tagħhom fuq il-mod ta' kif kienu jgħixu n-nies matul dawn iż-żminijiet kultant sbieħ kif ukoll kultant koroh.

Għażilt uħud minn dawn id-dati għal dan l-artiklu tiegħi ta' din is-sena bl-ewwel data tkun dik li semma l-Isqof Senatora de Mello meta kiteb f'wieħed mir-rapporti tiegħu li r-raħal tas-Siġġiewi kien diġà parroċċa fis-sena 1436.

L-Isqof Mons. Pietru Dusina kien għamel iż-żjara pastorali tiegħu fir-raħal nhar it-2 ta' Frar 1575. Dakinhar huwa kien kiteb fir-rapport tiegħu li d-devozzjoni lejn San Nikola kienet waħda kbira, il-knisja parrokkjali kienet sabiħa u waqqaf ukoll fiha l-Fratellanza tas-Ssmu Sagrament.



*Il-vara titulari ta' San Nikola, kapolavur ta' Pietru Felici*



*Il-knisja parrokkjali minn ġewwa, armata għall-festa kif narawha llum*

Din il-knisja damet tintuża bħala waħda parrokkjali sat-22 ta' Novembru tas-sena 1682 meta tbierket l-ewwel parti tal-knisja l-ġdida mill-Vigarju Ġenerali Dun Ludovik Famucelli.

Nhar id-19 ta' April 1675, il-Kappillan ta' dak iż-żmien Dun Dumink Farrugia qiegħed l-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida tar-raħal li kellha tinbena fuq il-pjanta tal-Arkitett Lorenzo Gafà. Tlestiet minn kollox madwar sbatax-il sena wara fis-sena 1693.

L-istatwa titulari ta' San Nikola li tintuża għall-purċissjoni ta' nhar il-festa, hija mnaqqxa fl-injam mill-Iskultur Pietro Feliċi. Dan ħadimha fis-sena 1736.

Id-data tal-1 ta' Mejju 1729 tfakkarna fiċ-ċerimonja solenni tal-konsagrazzjoni tal-knisja li tmexxiet mill-Isqof Mons. Alpheran de Bussan.

Fis-sena 1757, l-Artist magħruf Francesco Zahra pinġa ż-żewġ kwadri laterali tal-kor li juru lil San Nikola waqt li dan kien fil-ħabs kif ukoll lill-istess qaddis qiegħed jiddiskuti waqt il-Konċilju ta' Niċea.

Nhar l-14 ta' Settembru tas-sena 1862, fuq id-disinn tat-Tabib Nikola Zammit ġie mibdi x-xogħol tal-bini tan-navi tal-knisja. Dawn tlestew lejn l-aħħar jiem tas-sena 1864.

Fl-1919 il-koppla l-qadima li kienet inbniet fuq il-pjanta tal-Arkitett Lorenzo Gafà ġiet imniżżla u minflokha ġiet mibnija dik li hemm illum fuq il-pjanta tat-Tabib Nikola Zammit. Dan ħa ħsieb ukoll iħażżeż id-disinn tal-faċċata tal-knisja meta din ġiet mibnija mill-ġdid.

Nhar it-28 ta' Novembru 1948, l-Isqof Mons. Emanuel Galea, Vigarju Ġenerali ta' dak iż-żmien mexxa ċ-ċerimonja tat-tberik tas-sett ta' qniepen ġodda li ġew fonduti mid-ditta *Taylor* tal-Ingilterra.

Dawn li semmejt huma biss ftit mill-ħafna dati importanti li jirrakkuntaw l-istorja rikka ta' dan ir-raħal tas-Siġġiewi. Jekk Alla jrid inkompli nikteb dwar dati oħrajn fil-ħarġa tal-festa tas-sena d-dieħla.

**Il-festa t-tajba lil kulħadd.**